# Animazzjoni tal-Quddies tal-Ħadd

Il-Ħadd 6 t'Awwissu 2017

Festa tat-Trasfigurazzjoni tal-Mulej

Sena A

**Introduzzjoni**

Illum il-Knisja Mqaddsa tiċċelebra l-festa tat-Trasfigurazzjoni tal-Mulej, l-Għid tas-Sajf. Ġesù Kristu, l-Iben il-waħdieni u l-maħbub ta' Alla l-Missier, wera l-glorja tiegħu biex juri n-natura fqajra tagħna l-bnedmin li hu stess libes.
Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**L-Ewwel Qari** (Dan 7, 9-10.13-14)

Il-profeta Danjel jippreżentalna dehra glorjuża fil-ħolma tiegħu.
Nisimgħu l-ewwel qari.

**Salm Responsorjali** (Salm 96, 1-2.5-6.9)

Il-Mulej isaltan, hu 'l fuq mill-art kollha

**It-Tieni Qari** (2 Piet 1, 16-19)

Aħna lkoll xhieda tal-imħabba profonda bejn Alla l-Missieru u Ibnu Ġesù.
Nisimgħu t-tieni qari.

**L-Evanġelju** (Mt 17, 1-9)

Permezz tat-trasfigurazzjoni tiegħu, Ġesù wera li hu tassew l-iben t'Alla glorjuż, iżda li ħa n-natura tagħna l-bnedmin.
Nilqgħu bil-ferħ it-tħabbira tal-Evanġelju billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien l-Hallelujah.

**Offertorju**

Ejjew inroddu ħajr lil Alla li permezz t'Ibnu ħa n-natura tagħna l-bnedmin permezz tal-offerti tagħna.
Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

**Tqarbin**

Il-glorja u l-imħabba t'Alla l-missier jidhru kull darba li niltaqgħu miegħU fl-Ewkaristija.
Nersqu għat-tqarbin, filwaqt li nkantaw flimkien.